22001D0072

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 72/2001

tad-19 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2001 tat-30 ta' Marzu 2000 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropew dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema li jmorru jaħdmu barra minn pajjiżhom Nru 180 tal-15 ta' Frar 2000 dwar il-forom mudelli meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 211 sa 212) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 3.57 (Deċiżjoni Nru 178) fl-Anness VI għall-Ftehim:

"3.58 **32001 D 0070**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropew dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema li jmorru jaħdmu barra minn pajjiżhom Nru 180 tal-15 ta' Frar 2000 dwar il-forom mudelli meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 211 sa 212) (ĠU L 23, tal-25.1.2001, p. 33).".

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 180 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Ġunju 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 158, ta' l-14.6.2001, p. 55.
([2]) ĠU L 23, tal-25.1.2001, p. 33.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.